

Dispożittiv

1) Peress li naqas milli jadotta, fit-terminu previst, id-dispożizzjonijiet leġislattivi, regolatorji u amministrattivi kollha neċessarji sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 2002/74/KE tat-23 ta' Settembru 2002 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill Nru 80/987/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-protezzjoni ta' l-impjegati f'każ ta' l-insolvenza ta' min iħaddimhom, ir-Renju ta' Spanja naqas mill-obbligi imposti fuqu minn din id-direttiva.

2) Ir-Renju ta' Spanja huwa kkundannat ibati l-ispejjeż.

(¹) ĠU C 56, 10.3.2007.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tad-29 ta' Novembru 2007 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Il-Gran Dukat tal-Lussemburgu

(Kawża C-34/07) (¹)

(Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Direttiva 2003/109/KE — Ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu residenti għat-tul — Nuqqas ta' transpożizzjoni fit-terminu stabbilit)

(2008/C 22/26)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentant: M. Condou-Durande, aġent)

Konvenut: Il-Gran Dukat tal-Lussemburgu (rappreżentant: C. Schiltz, aġent)

Suġġett

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Nuqqas li jadotta, fit-terminu previst, id-dispożizzjonijiet neċessarji sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE tal-25 ta' Novembru 2003, dwar l-istatus ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu residenti għat-tul (ĠU L 16, p. 44)

Dispożittiv

1) Billi m'adottax, fit-terminu stabbilit, id-dispożizzjonijiet leġislattivi, regolamentari u amministrattivi neċessarji sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE tal-25 ta' Novembru 2003, dwar l-istatus ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu residenti għat-tul, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu skond din id-Direttiva.

2) Il-Gran Dukat tal-Lussemburgu huwa ordnat ibati l-ispejjeż.

(¹) ĠU C 69, 24.3.2007.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tas-6 ta' Diċembru 2007 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Il-Gran Dukat tal-Lussemburgu

(Kawża C-57/07) (¹)

(Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Direttiva 2003/86/KE — Dritt għal riunifikazzjoni tal-familja — Nuqqas ta' traspożizzjoni fit-terminu preskritt)

(2008/C 22/27)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentant: M. Condou-Durande, aġent)

Konvenut: Il-Gran Dukat tal-Lussemburgu (rappreżentant: C. Schiltz, aġent)

Suġġett

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Nuqqas milli jadotta, fit-terminu previst, id-dispożizzjonijiet neċessarji sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttiva tal-Kunsill Nru 2003/86/KE tat-22 ta' Settembru 2003, dwar id-dritt għal riunifikazzjoni tal-familja (ĠU L 251, p. 12).

Dispożittiv

1) Billi ma adottax, fit-terminu preskritt, id-dispożizzjonijiet leġislattivi, regolatorji u amministrattivi neċessarji sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttiva tal-Kunsill Nru 2003/86/KE tat-22 ta' Settembru 2003, dwar id-dritt għal riunifikazzjoni tal-familja, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu naqas mill-obbligi imposti fuqu skond din id-direttiva.

2) Il-Gran Dukat tal-Lussemburgu huwa kkundannat ibati l-ispejjeż.

(¹) ĠU C 95, 28.4.2007.